# CIRCOLO SAN ANDREA

Kienet is-sena 1878, meta persuna mir-raħal tagħna twebbel biex jiftaħ Każin f'Ħal Lija, bħal irħula oħra f'Malta. Din il-persuna jgħidu li kien Salvu Camilleri, magħruf f'Ħal Lija bħala 'l-Mosti'. Il-ħsieb ta' din il-persuna rnexxa u sar realta fis-Sena 1878 meta twieled l-ewwel kazin f'Ħal-Lija bl' isem sabiħ u ferm jixraq ta' CASINO LIENSE, magħruf ukoll min-nies ta' Ħal Lija bħala l-Kazin il-Kbir jew CIRCOLO GIOVANILE. Illum minfloku hemm il-Kazin tal-Futbol ta' LIJA ATHLETICS.

Aħna ngħidu kull bidu għandu d-diffikultajiet tiegħu, u hekk kien f'dan il-kaz. Wara biss sentejn min kif kien għadu twieled, f'dan l-ewwel Każin inqalgħet tilwima li fiha parti mis-soci ma qablux mal-maġġoranza, u ddeċidew li jitilqu u jiftħu każin huma. Wieħed minn dawk il ftit li telqu kien ċertu Wigi Agius. Dan għalkemm ma kellux aktar minn ħmistax il-sena, l-energija u l-kuraġġ li kellu kienu ta' eżempju għall-oħrajn. Huwa flimkien m' ohrajn akbar minnu fl-eta, ppruvaw isibu dar, biex jużawha bħala każin.

Ikompli f'paġna 12

**PHILMAR**
SELF-SERVICE STORE
Ta' Triq Prezjosi, Ħal-Lija
Tel: 434961
Għal kwalita' u servizz mill-aħjar
NAGĦMLU DELIVERIES FID-DAR
philmar **il-Ħanut bi tbissima**

PERCIUS CAR HIRE LTD.
Chauffeur Drive - Car Rentals
Car Leasing - Wedding Service
85, Annibale Preca Street, Lija BZN10
Tel: 442530, 447564 - Mob: 0947 8833, 0943 8833
Fax: 435947 E-mail: info@percius.com

**Sports Experience**
**Sports & Leisure Shop**
**1, Pitkali Rd, Attard Malta.**
**Tel: 438877**
**Fax: 438876**
Esseffe

**Borg Cardona & Co. Ltd.**
AGRICULTURAL VETERINARY & GENERAL MERCHANTS
**IMPORTERS & EXPORTERS COMMISSION AGENTS**

"ELTEX" DR. ZAMMIT STR., BALZAN BZN 08 - MALTA
TEL: 442698, 484428
FAX: 493082

**AVENUE STORE SELF-SERVICE STORE**
Prop. JOE SEYCHELL
TRANSFIGURATION AVENUE
LIJA
**Opposite Parish Church**
**Tel: 435873**

**THE GREEN GREEN GROCER**
*For a good variety of Fresh Fruit & Veg*
*41, Triq Sant'Andrija, Lija*
Opening Hours:
Monday & Thursday from 3.00 p.m.-7.30 p.m.
Tuesday & Friday from 7.00 a.m.-1.00 p.m.
and from 4.00 p.m.-7.00 p.m.
Wednesday & Saturday from 7.00 a.m.-1.00 p.m
We accept orders by phone on: **420389**
**Prop: Michael Cutajar**

**FREDDIE'S SALON**

**19, ST. HELEN SQR.**
**B'KARA**
**TEL: 449423**
**CUT & BLOW DRY**

Minn paġna 11

M'għaddiex wisq zmien, u l-ħsieb tagħhom irnexxa billi akkwistaw dar b'kera, Nru 2 Triq l-IFran, preċiz wara l-Knisja ta' Sant' Andrija, u b'hekk bid-dritt kollu wieħed jista' jgħid li s-sena 1880 kienet fil-verita' s-sena tat-twelid tas-Socjeta' tagħna, u t-tieni Soċjeta fir-raħal ferm sabih, dak ta' Villa Lija. Biex għazlu isem għal din is-Socjeta' ġdida, il-membri ma damux wisq jaħsbuha għax semmewha Circolo San Andrea, għall- qaddis li l-knisja ta ħdejn il-post fejn sabu d-dar, kienet imsemmiha għalih. L-iskop ta' din is-Socjeta' kien ir-rikreazzjoni tal-membri u l festa tas-Salvatur.

Ġara imma, li s-sid ħabta u sabta, ħadilhom din id-dar, u l-membri sabu ruħhom bla post fejn jiltaqgħu, u jzommu l-armar li kienu diġa' ħadmu. Hawnhekk irrid insemmi l-kuruna li kienet tintrama' fil-pjazza ta' Sant'Andrija. L-aħħar darba li din intramat, kienet fis-sena 1932 (fil-festi ċentinarji). Huma irnexxilhom jakkwistaw remissa maġenb 'Casa D'Amico' sabiex ipoġġu l-armar li kellhom.

Ikompli f'paġna 13

Minn paġna 12

Wara xi tliet xhur, bit-tħabrik tal-Kumitat, irnexxielhom jikru l-post Nru 32 f'Triq Sant' Andrija. F'dan il-post is-Soċjeta' ma damitx wisq u b'xorti tajba reġgħu sabu ruħhom fl-ewwel dar, dik ta' wara il-Knisja ta Sant' Andrija. F'dan il-post wieħed jista jgħid li sar kważi l-armar kollu tal-festa tas-Salvatur. Fis-snin ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija, sid id-dar, reġa' ried il-post lura għal waħda mill-familjari tiegħu, u s-Soċjeta din id-darba marret f'dar f'Triq Sant' Andrija, fejn illum din iġġib in-numru 33. Hawn damu sas-sena 1921. F'din id-dar iżżanżnet il-bandalora tal-Każin, li kienet iddisinjata minn Wigi Fenech.

Is-soci, taħt it-tmexxija għaqlija tal-Kumitat, specjalment tal-President Luigi Portelli (Il-Bixxija), s-Segretarju Ninu Azzopardi (Il-Loqq), u l-Kaxxier Salvu Fenech (Ta' l-Inbid), taw sehemhom sabiex isebbħu u jarmaw din id-dar. Iżda wara għaxar snin, u meta l-Każin kien fl-aqwa tiegħu, s-sid ried din id-dar lura bħala residenza għalih. Din kienet daqqa ta' ħarta kbira għall-membri, billi s-sena ta' wara, fl-1932, kien ı jaħbtu l-festi ċentinarji tal-Festa tas-Salvatur, u x-xogħol fuq it-tiżjin kien diga' beda.

Ikompli f'paġna 14


GRASSHOPPER CELLARS

*Wines, Spirits, Sweets and lots more.*

37 Bakery Street, Lija.

**KA**

**PHOTOGRAPHINC & VIDEO SERVICES**

**KENNETH AZZOPARDI**
A Member of M.I.P.P

100, Nazju Ellul Str, Gzira GZR 06 Malta
Tel/Fax:(356) 314735
Mob: (356)79470573

**GARFIELD'S STATIONERY**

Main Street, Lija.
Tel/Fax: 414137

For
- Local & Foreign Newspapers
- Greeting Cards
- Magazines
- Novelties
- Toys
- Photography & Telefax Service

CHATTELS
THE ANTIQUE SHOP

**Danilo Terpougoff**

15/16 BAKERY STREET
LIJA BZN 10 MALTA
TEL: (+356) 445248

Minn paġna 13

Is-Soċjeta ma marritx 'il-bogħod wisq minn fejn kienet, għax irnexxilha tikri dar b'kera, f 144 Triq il-Kbira. Din kellha bżonn ħafna xogħol sabiex tintuża bħala każin. Barra minn hekk riedu jsiru xi alterazzjonijiet fil-bini biex ikun jista jintrama l- "Billiard". Pero' bil-ħidma u sagrifiċċju ta' kulħadd, dan ix-xogħol sar u l-Każin għadda disa' snin (1931-1939) f'din id-dar. Wara is-Socjeta' reġa' rnexxielha takkwista d-dar Nru 39, Triq Sant' Andrija fejn għadha hemm sa llum.

S'issa għaddew 121 sena minn fuq din is-Socjeta' u matul dawn iż-żmienijiet kellha ħafna taqlib minn dar għal oħra, imma qatt ma llargat mill-kosta tal-Knisja ta' Sant Andrija, minn fejn oriġina l-isem ta' CIRCOLO SAN ANDREA.

## KUMITAT 2001



Ian Giordimaina, Donio Cini (Assistent Kaxxier), Joe Portughes, Christopher Spiteri, Joseph Ferriggi (Direttur), Elia Borg, Salvu Borg (Revizur), Emanuel Aguis, Emanuel Borg (Revizur), Joseph Mallia, Leonard Cini (Kaxxier) Donio Cini (Vici President), Joseph Portelli (President), Dun Salv Sammut (Direttur Spiritwali), Stephen Azzopardi (Segretarju), Joseph Borg Micallef (Assistent Segretarju)